IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 15.12.2015
COM(2015) 670 final

2015/0307 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 dwar it-tisħiħ tal-kontrolli fil-fruntieri esterni abbażi ta' bażijiet tad-dejta rilevanti

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Il-proposta fiha emenda mmirata għar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) sabiex iżżid is-sigurtà fiż-żona mingħajr kontrolli interni. Din il-proposta twieġeb għas-sejħa espressa fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 u tal-20 ta' Novembru, li stiednet lill-Kummissjoni biex "tippreżenta proposta għal reviżjoni mmirata tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen biex jipprovdu għal kontrolli sistematiċi taċ-ċittadini tal-UE, inkluża l-verifika ta' informazzjoni bijometrika, abbażi ta' bażijiet tad-dejta rilevanti fuq il-fruntieri esterni taż-żona Schengen, bl-użu sħiħ ta' soluzzjonijiet tekniċi biex ma jfixkilx il-fluwidità tal-moviment".

Il-proposta hija intenzjonata li tobbliga lill-Istati Membri biex iwettqu kontrolli sistematiċi fuq persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni (jiġifieri ċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familji tagħhom li mhumiex ċittadini tal-UE) meta dawn jaqsmu l-fruntiera esterna ma' bażijiet tad-dejta dwar dokumenti mitlufa jew misruqa kif ukoll sabiex ikun ivverifikat li dawn il-persuni ma jirrappreżentawx theddida għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà interna. Dan l-obbligu għandu japplika fil-fruntieri esterni kollha jiġifieri fil-fruntieri tal-ajru, tal-baħar u tal-art, kemm fid-dħul kif ukoll fil-ħruġ. Madankollu, fejn konsultazzjoni sistematika tal-bażijiet tad-dejta dwar il-persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni tista' twassal għal impatt sproporzjonat fuq il-fluss tat-traffiku fil-fruntiera, l-Istati Membri jistgħu jwettqu biss kontrolli mmirati ma' bażijiet tad-dejta dment li l-valutazzjoni tar-riskju turi li dan ma jwassalx għal riskji relatati għas-sigurtà interna, il-politika pubblika, ir-relazzjonijiet internazzjonali tal-Istati Membri jew theddida għas-saħħa pubblika.

Filwaqt li l-Istati Membri huma obbligati li jiċċekkjaw ċittadini ta' pajjiżi terzi sistematikament mad-dħul mal-bażijiet tad-dejta kollha, id-dispożizzjonijiet attwali ma jipprovdux li mal-ħruġ, għandhom isiru l-kontrolli għal raġunijiet ta' ordni pubblika u ta' sigurtà interna b'mod sistematiku. L-emenda tallinja wkoll l-obbligi li jkun ivverifikat li ċittadin ta' pajjiż terz ma jippreżentax theddida għall-politika pubblika u s-sigurtà interna anki mal-ħruġ tiegħu.

Din il-proposta hija reazzjoni għaż-żieda tat-theddid terroristiku fl-Ewropa kif intwera mill-attakki f'Pariġi, f'Copenhagen u fi Brussell, iżda għandha tindirizza r-riskji potenzjali kollha għas-sigurtà interna.

It-theddida terroristika mhix limitata għal Stat Membru wieħed u ma tirriżultax biss minn fatturi esterni. Il-fenomenu ta' ġellieda terroristiċi barranin jibqa' sors ewlieni ta' tħassib. In-numru ta' ċittadini tal-UE li jivvjaġġaw lejn is-Sirja u l-Iraq biex jappoġġjaw gruppi terroristiċi qed jiżdied kontinwament. Huwa stmat li sa 5 000 ċittadin tal-UE telqu lejn iż-żoni fil-konflitt[1] u probabbilment ingħaqdu mal-forzi tal-ISIS. Ħafna minn dawk li wettqu attakki terroristiċi riċenti, li bdew minn Charlie Hebdo f'Jannar tal-2015, qgħadu jew ġew imħarrġa barra mill-pajjiż fiż-żoni kkontrollati minn organizzazzjonijiet terroristiċi. Id-detezzjoni u l-prevenzjoni ta' vjaġġar lejn u minn żoni ta' kunflitt [bl-intenzjoni li jingħata appoġġ lil organizzazzjonijiet terroristiċi] diġà kienu identifikati bħala prijorità fl-2014. Il-Kummissjoni

[1] Ara Europol, TE-SAT 2015

Ewropea konsistentament appoġġjat it-tisħiħ tal-qafas ta' Schengen billi toħroġ rakkomandazzjonijiet biex jittejbu l-kontrolli tal-fruntieri fil-qafas legali attwali. F'dan il-kuntest, wara d-dikjarazzjoni dwar it-terroriżmu tal-Kunsill Ewropew informali tat-12 ta' Frar 2015 u l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill ta' Marzu 2015[2] il-Kummissjoni għal darb'oħra enfasizzat il-possibbiltà u l-ħtieġa li jissaħħu l-kontrolli fuq persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni u li jitwettqu verifiki fuq bażi sistematika għal persuni li jaqgħu taħt valutazzjoni speċifika tar-riskju. Il-Manwal Prattiku għall-Gwardjani tal-Fruntieri konsegwentement ġie adattat f'Ġunju 2015[3].

Barra minn hekk, kif tħabbar fl-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà, f'Ġunju 2015, il-Kummissjoni ffinalizzat ukoll l-ewwel sett ta' indikaturi komuni ta' riskju għal ġellieda terroristiċi barranin, biex jintużaw minn gwardji tal-fruntiera biex jgħinuhom meta jwettqu l-verfiki[4].

Il-fenomenu tal-ġellieda barranin juri li sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà f'żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, kontrolli sistematiċi għandhom jitwettqu wkoll fuq persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni.

Din il-proposta tirrinforza wkoll il-bżonn li jiġu vverifikati l-identifikaturi bijometriċi kif jinsabu fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004. Dan ir-Regolament tal-aħħar introduċa x-xbieha tal-wiċċ u l-marki tas-swaba bħala elementi ta' sigurtà fil-passaport taċ-ċittadini tal-UE sabiex isiru aktar sikuri u biex tkun stabbilita rabta affidabbli bejn id-detentur u l-passaport. Għalhekk, f'każ ta' dubju dwar l-awtentiċità tal-passaport jew dwar il-leġittimità tad-detentur, il-gwardji tal-fruntieri għandhom jivverifikaw dawn l-identifikaturi bijometriċi.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti ta' politika fil-qasam ta' politika**

L-emenda proposta se tiżgura li:

1) id-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni jiġu ċċekkjati sistematikament mal-bażijiet tad-dejta rilevanti dwar serq, miżappropprazzjoni, telf ta' passaporti u dokumenti invalidati sabiex jiżguraw li dawn il-persuni ma jkunux jistgħu jaħbu l-identità vera tagħhom u

2) persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni jiġu wkoll iċċekkjati sistematikament għal raġunijiet ta' ordni pubbliku u ta' sigurtà interna ma' bażijiet tad-dejta rilevanti.

Din il-kombinazzjoni ta' kontrolli sistematiċi tat-taqsimiet tad-dokumenti u tal-persuni tal-bażijiet tad-dejta rilevanti se tippermetti wkoll sinerġiji fl-arkitettura tas-sistema li attwalment mhumiex possibbli minħabba l-assimmetrija bejn il-kontrolli sistematiċi possibbli fuq id-dokumenti u l-kontrolli mhux sistematiċi għal raġunijiet ta' sigurtà. L-emenda proposta hija konformi ma' wieħed mill-għanijiet tal-kontrolli fuq il-fruntieri, jiġifieri biex tkun prevenuta xi theddida għas-sigurtà interna u l-politika pubblika tal-Istati Membri.

2 Ir-riżultati tal-laqgħa tal-Kunsill 3376, 7178/15 (OR. en) PRESSE 21 PR CO 13

3 C(2015) 3894 finali

4 Il-lista hija bbażata fuq it-tendenzi, ix-xejriet u l-karatteristiċi speċifiċi ta' dawk il-persuni, u ġiet ikkompilata bl-użu ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, l-Europol u l-Frontex.

Barra minn hekk, il-proposta se testendi l-obbligu li jkun ivverifikat ukoll li ċittadini ta' pajjiż terz ma jippreżentawx theddida għall-politika pubblika u għas-sigurtà interna anki mal-ħruġ tagħhom.

- **Il-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Wara l-emenda proposta, il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen se jibqgħu konsistenti mal-libertà ta' moviment kif iggarantita mit-Trattat u kif spjegata f'aktar dettall fid-Direttiva 2004/38/KE.

Il-miżuri li se jittieħdu fil-fruntieri esterni bħala konsegwenza ta' din l-emenda, li jikkonsistu fl-iċċekkjar ta' bażijiet tad-dejtt għal raġunijiet ta' sigurtà, ma għandhomx jaffettwaw id-drittijiet ta' moviment liberu li ċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom jiksbu mit-Trattat u mid-Direttiva 2004/38/KE, li ma jinkludux id-dritt li jkunu ħielsa minn kontrolli ta' sigurtà waqt li jkunu qed jaqsmu l-fruntieri esterni.

Sa fejn huma kkonċernati l-miżuri li jistgħu jieħdu l-gwardji tal-fruntiera fuq il-bażi tar-riżultati tal-kontrolli tal-bażijiet tad-dejta ("hits"), id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VI tad-Direttiva 2004/38/KE jippermetti lill-Istati Membri li jirrestrinġu d-drittijiet tal-moviment ħieles taċ-ċittadini tal-UE u tal-membri tal-familja tagħhom minħabba raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika, bil-kundizzjoni li huma jirrispettaw is-salvagwardji materjali u proċedurali stabbiliti fih, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. F'każ ta' hit pożittiva, ir-regoli li għandhom jiġu segwiti huma dawk imsemmija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza C-503/03 il-Kummissjoni vs Spanja, li huma wkoll stabbiliti fid-dettall fil-Manwal SIRENE.

Peress li bażijiet tad-dejta kkonsultati jiffunzjonaw fuq bażi ta' "hit/no-hit" u li s-sempliċi konsultazzjoni tal-bażi tad-dejta la hija rreġistrata u lanqs ipproċessata ulterjorment, kontrolli sistematiċi fuq persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu taħt il-liġi tal-Unjoni se jaffettwaw id-drittijiet rigward id-dejta personali biss sa ċertu punt, li huwa ġġustifikat minħabba l-objettivi tas-sigurtà.

## 2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 77(2)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) huwa l-bażi ġuridika għall-proposta.

Din il-proposta temenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għall-oħra tal-fruntiera (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) li kien imsejjes fuq id-dispożizzjonijiet ekwivalenti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, jiġifieri, l-Artikoli 62(1) (fruntieri interni) u (2)(a) (fruntieri esterni) rispettivament.

- **Sussidjarjetà**

L-azzjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja taqa' f'qasam ta' kompetenza kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 4(2) TFUE. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa applikabbli minħabba l-Artikolu 5(3) TUE skont liema l-Unjoni għandha taġixxi biss jekk u sa fejn, l-objettivi tal-azzjoni prevista ma jkunux jistgħu jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, la fil-livell ċentrali u lanqas fil-livell reġjonali u lokali, iżda jkunu jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni prevista, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni.

L-objettiv ta' din il-proposta huwa li jiġi emendat il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen sabiex jipprovdi għal kontrolli sistematiċi ta' persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni fil-fruntieri esterni abbażi ta' bażijiet tad-dejta rilevanti, bl-użu sħiħ ta' soluzzjonijiet tekniċi mingħajr ma tkun mfixkla l-flessibiltà tal-moviment transfruntier.

Kontrolli fil-fruntieri esterni jitwettqu fl-interess tal-Istati Membri kollha li abolixxew il-kontroll tal-fruntiera interna (il-Premessa 6 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen); Huma għandhom jgħinu biex jipprevjenu kwalunkwe theddida għas-sigurtà interna tal-Istati Membri. Għalhekk, dawn il-kontrolli għandhom jiġu mwettqa f'konformità ma' regoli komuni.

Għaldaqstant, l-objettiv li jkunu stabbiliti regoli komuni dwar l-ambitu u t-tip ta' kontrolli li jsiru fil-fruntieri esterni ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu weħidhom, u jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

• **Proporzjonalità**

Il-kontenut tal-bażijiet tad-dejta kkonsultati huwa limitat għall-aspetti li huma rilevanti għas-sigurtà interna; ir-raġunijiet li jwasslu għal allert fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen huma konnessi maż-żamma tas-sigurtà interna fl-Istati ta' Schengen minħabba n-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni. B'hekk, it-twettiq ta' verifiki ma' bażijiet tad-dejta rilevanti b'mod sistematiku wkoll fir-rigward ta' persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu taħt il-liġi tal-Unjoni ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jintlaħaq wieħed mill-objettivi tal-kontrolli fil-fruntieri esterni.

Il-proposta tagħmel distinzjoni bejn il-fruntieri tal-ajru u fruntieri esterni oħra, biex tqis l-infrastruttura u l-fluss tal-passiġġieri fit-tipi differenti ta' fruntieri esterni. Meta, pereżempju minħabba l-infrastrutturi u l-fluss tal-passiġġieri, kontroll sistematiku jista' jwassal għal impatt sproporzjonat fuq il-fluss tat-traffiku fil-fruntiera, il-kontrolli sistematiċi ma' bażijiet tad-dejta jistgħu jitwarrbu fil-fruntieri tal-art u tal-baħar dejjem jekk valutazzjoni tar-riskju turi li dan ma jwassalx għal riskji relatati għas-sigurtà interna, il-politika pubblika, ir-relazzjonijiet internazzjonali tal-Istati Membri jew għal theddida għas-saħħa pubblika. L-analiżi tar-riskju għandha tkun ikkomunikata lill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (minn issa 'il quddiem: Frontex) u għandha tkunu s-suġġett ta' rrappurtar regolari lill-Kummissjoni u lill-Frontex. L-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet mill-Istati Membri jistgħu mbagħad ikunu s-suġġett ta' analiżi tar-riskju u tal-vulnerabbiltà mwettqa mill-Frontex. Il-Kummissjoni se tiddedika wkoll attenzjoni partikolari għall-possibilità tal-illaxkar ta' kontrolli sistematiċi fil-fruntiera f'ċerti punti ta' qsim bl-art u bil-baħar fir-rappurtar biannwali dwar il-funzjonament taż-żona Schengen.

F'dak li jirrigwarda l-kontrolli fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi mal-ħruġ, il-marġini kurrenti ta' dawk li m'għandhomx ikunu ċċekkjati sistematikament għal raġunijiet ta' ordni pubblika u ta' sigurtà interna se jitneħħew u għalhekk ir-regola se tkun allinjata ma' dik eżistenti mad-dħul, jiġifieri obbligu li jsir iċċekkjar sistematiku ma' bażijiet tad-dejta. Skont l-Anness VII, punt 5.2. tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, ħaddiema transfruntiera li huma magħrufa sew mill-gwardji tal-fruntiera minħabba li jaqsmu l-fruntiera ta' spiss fl-istess punt ta' qsim tal-fruntiera u li ma ġewx żvelati minn verifika inizjali li huma is-suġġett ta' twissija fis-SIS jew f'fajl tad-dejta nazzjonali jibqgħu soġġetti biss għal kontrolli każwali. Verifiki bir-reqqa għandhom jitwettqu fuq dawn il-persuni minn żmien għal żmien, mingħajr avviż u f'intervalli irregolari.

- **L-għażla tal-istrument**

Il-proposta tikkonċerna l-emenda ta' Regolament, ma hemm l-ebda indikazzjoni li strument differenti minn Regolament ikun xieraq.

## 3. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET

Il-kwistjoni ta' konsultazzjoni sistematika tal-bażijiet tad-dejta rilevanti fir-rigward ta' ċittadini tal-UE u persuni oħra li jgawdu d-dritt ta' moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni meta jaqsmu fruntiera esterna ilha fuq l-aġenda mir-rebbiegħa tal-2014 wara l-attakk terroristiku fuq il-Mużew Lhudi fi Brussell u d-diskussjoni li segwiet dwar il-ġlieda kontra ġellieda terroristiċi barranin.

Sabiex ikun żgurat li matul l-aħħar sena u nofs diġà saru sforzi ta' sigurtà interna biex jittieħdu miżuri xierqa, immedjati, effikaċi u aktar effiċjenti skont tal-*acquis* eżistenti tal-UE. Il-Kummissjoni, f'koperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, elaborat rakkomandazzjonijiet bil-għan li jittejbu l-verifiki fil-fruntieri esterni li jimxu lejn konsultazzjoni intensifikata tal-bażijiet tad-dejta rilevanti, fejn ikun xieraq fuq bażi ta' valutazzjoni tar-riskju b'mod sistematiku. Wara l-attakki ta' Charlie Hebdo u s-sejħa sussegwenti tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2015, ġew żviluppati u mxerrda lill-gwardji tal-fruntiera Indikaturi Komuni tar-Riskju biex il-verifiki jiġu mmirati aħjar. F'Ġunju 2015, il-Manwal Prattiku għall-Għassiesa tal-Fruntieri kien adattat biex jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet imsemmija hawn fuq[5].

Il-kwistjoni ġiet diskussa wkoll f'diversi okkażjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Fruntieri fl-2014 u l-2015. F'Ottubru 2015 il-Presidenza Lussemburgiża indagat dwar l-iżviluppi f'dan il-qasam[6].

Il-Proposta hija risposta diretta għat-talba tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2015 li jkun emendat il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen wara l-attakki terroristiċi f'Pariġi fit-13 ta' Novembru 2015.

- **Drittijiet fundamentali**

L-emenda proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja (l-Artikolu 7), id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali (l-Artikolu 8) u l-libertà tal-moviment u tar-residenza (l-Artikolu 45). Is-salvagwardji tal-Artikolu 3a tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen ikomplu japplikaw.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-emenda proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-UE.

## ELEMENTI OĦRA

- **Arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar**

L-emenda proposta tikkonċerna l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen li l-implimentazzjoni tagħhom hija evalwata permezz tal-mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni ta' Schengen f'konformità

5 C (2015) 3894 tal-15.6.2015.
6 12540/15

mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013[7] (l-Artikolu 37a SBC), mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Kummissjoni bħala l-gwardjana tat-Trattati (l-Artikolu 17(1) TUE).

- **Spjega dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Fl-Artikolu 7(2) attwali, l-emenda proposta tintroduċi l-obbligu li jitwettqu kontrolli sistematiċi fuq persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni (jiġifieri ċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familji tagħhom li mhumiex ċittadini tal-UE) ma' bażijiet tad-dejta dwar dokumenti mitlufa jew misruqa kif ukoll sabiex ikun ivverifikat li l-persuni ma jirrappreżentawx theddida għall-ordni pubbliku u s-sigurtà interna. Dan l-obbligu għandu japplika fil-fruntieri esterni kollha jiġifieri fil-fruntieri tal-ajru, tal-baħar u tal-art. Madankollu, fejn konsultazzjoni sistematika mal-bażijiet tad-dejta dwar il-persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni tista' twassal għal impatt sproporzjonat fuq il-fluss tat-traffiku fil-fruntiera, l-Istati Membri jistgħu jwettqu biss kontrolli mmirati ma' bażijiet tad-dejta dment li l-valutazzjoni tar-riskju turi li dan ma jwassalx għal riskji relatati għas-sigurtà interna, il-politika pubblika, ir-relazzjonijiet internazzjonali tal-Istati Membri jew theddida għas-saħħa pubblika.

L-analiżi tar-riskju għandha tiġi kkomunikata lil Frontex u għandha tkun is-suġġett ta' rrappurtar regolari lill-Kummissjoni u lill-Frontex. Il-Kummissjoni se tiddedika attenzjoni partikolari għall-possibilità tal-illaxkar tal-kontrolli sistematiċi fil-fruntiera fir-rappurtar biannwali dwar il-funzjonament taż-żona Schengen.

Din il-proposta tirrinforza wkoll il-bżonn li jiġu vverifikati l-identifikaturi bijometriċi kif jinsabu fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004. Dan ir-Regolament introduċa x-xbieha tal-wiċċ u l-marki tas-swaba bħala elementi ta' sigurtà fil-passaport taċ-ċittadini tal-UE sabiex isiru aktar sikuri u biex tkun stabbilita rabta affidabbli bejn id-detentur u l-passaport. Għalhekk, f'każ ta' dubju dwar l-awtentiċità tal-passaport jew dwar l-identità tad-detentur, il-gwardji tal-fruntieri għandhom jivverifikaw dawn l-identifikaturi bijometriċi.

L-emenda proposta tneħħi wkoll il-marġni li tħalla lill-Istati Membri li ma jivverifikawx ċittadini ta' pajjiżi terzi mal-ħruġ u b'hekk tallinja l-Artikolu 7(3) b) u c) mal-obbligu eżistenti biex ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu ċċekkjati sistematikament ma' bażijiet tad-dejta mad-dħul.

---

[7] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27).

2015/0307 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 dwar it-tisħiħ tal-kontrolli fil-fruntieri esterni abbażi ta' bażijiet tad-dejta rilevanti**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-kontroll fuq il-fruntieri esterni jibqa' wieħed mill-akbar salvagwardji taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni. Dan isir fl-interess tal-Istati Membri kollha. Wieħed mill-għanijiet ta' dawn il-kontrolli huwa li jimpedixxi kwalunkwe theddida għas-sigurtà interna tal-Istati Membri u l-politika pubblika, irrispettivament mill-oriġini ta' tali theddida.

(2) Il-fenomenu ta' ġellieda terroristiċi barranin, li ħafna minnhom huma ċittadini tal-Unjoni, juri l-ħtieġa li jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri esterni fir-rigward ta' ċittadini tal-Unjoni.

(3) Id-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni għandhom għalhekk ikunu ċċekkjati sistematikament mal-bażijiet tad-dejta rilevanti relatati ma' dokumenti tal-ivvjaġġar misruqa, miżapproprjati, mitlufa u invalidati sabiex ikun evitat li persuni jaħbu l-identità vera tagħhom.

(4) Il-gwardji tal-fruntieri għandhom għall-istess raġuni ukoll jiċċekkjaw b'mod sistematiku lill-persuni li jgawdu d-dritt ta' moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni ma' bażijiet tad-dejta nazzjonali u Ewropej sabiex jiżguraw li dawn ma jirrappreżentawx theddida għas-sigurtà interna jew għall-politika pubblika.

(5) L-iżviluppi teknoloġiċi jippermettu fil-prinċipju li jkunu kkonsultati bażijiet tad-dejta rilevanti mingħajr ma jiddewwem il-proċess tal-qsim tal-fruntiera, peress li l-kontrolli fuq id-dokumenti u l-persuni jistgħu jitwettqu b'mod parallel. Huwa għalhekk possibbli, mingħajr ma jinħoloq effett negattiv fuq persuni li jivvjaġġaw b'rieda tajba, li jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri esterni biex jiġu identifikati aħjar dawk il-persuni li għandhom l-intenzjoni li jaħbu l-identità vera tagħhom jew li huma soġġetti għal allerti rilevanti għal raġunijiet ta' sigurtà jew għall-arrest. Għandhom isiru verifiki sistematiċi fuq il-fruntieri esterni kollha. Madankollu, jekk kontrolli sistematiċi fil-fruntieri tal-art u tal-baħar ikollhom impatt sproporzjonat fuq il-fluss tat-traffiku fil-fruntiera, l-Istati Membri għandhom jitħallew iwaqqfu l-kontrolli sistematiċi ma' bażijiet tad-dejta iżda biss jekk dan ikun ibbażat fuq analiżi tar-riskju li tivvaluta li tali laxkar ma jwassalx għal riskju ta' sigurtà. Din il-valutazzjoni tar-riskji għandha tkun trażmessa lill-Aġenzija għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri

Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kif stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004[8] u tkun is-suġġett ta' rrappurtar regolari lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija.

(6) Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004[9], l-Unjoni introduċiet x-xbieha tal-wiċċ u l-marki tas-swaba' bħala elementi ta' sigurtà fil-passaport ta' ċittadini tal-Unjoni. Dawn il-karatteristiċi ta' sigurtà ġew introdotti sabiex il-passaporti jsiru aktar sikuri u tkun stabbilita rabta affidabbli bejn id-detentur u l-passaport. L-Istati Membri għandhom għalhekk jivverifikaw dawn l-identifikaturi bijometriċi, f'każ ta' dubji dwar l-awtentiċità tal-passaport jew dwar l-identità tal-persuna tad-detentur tiegħu.

(7) Dan ir-Regolament huwa bla preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10].

(8) L-Istati Membri huma obbligati li jiċċekkjaw sistematikament ċittadini ta' pajjiżi terzi mal-bażijiet tad-dejta kollha mad-dħul. Għandu jkun żgurat li tali verifiki jitwettqu wkoll b'mod sistematiku mal-ħruġ.

(9) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-tisħiħ tal-kontrolli ma' bażijiet tad-dejta fil-fruntieri esterni, partikolarment b'reazzjoni għaż-żieda fit-theddida terroristika, jikkonċerna waħda mis-salvagwardji taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni u bħala tali jikkonċerna l-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, huwa ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda pjuttost jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lilhinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(10) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, kif anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih u lanqas mhi soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Peress li dan ir-Regolament jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament, jekk hix se timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.

(11) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fih ir-Renju Unit ma jipparteċipax, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE[11]; b'hekk ir-Renju Unit mhuwiex qiegħed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

(12) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li l-Irlanda mhijiex qed tipparteċipa fihom, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill

---

8 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1).

9 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004 tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u għall-bijometriċi f'passaporti u dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri (ĠU L 385, 29.12.2004, p. 1).

10 Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom sabiex jiċċaqalqu u jirresjedu liberament fit-territorji tal-Istati Membri (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).

11 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

2002/192/KE[12]; L-Irlanda għalhekk ma tiħux sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(13) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, fit-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[13], li jaqgħu taħt il-qasam imsemmi fil-punt A tal-Artikolu 1, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE [14].

(14) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[15] li jaqgħu fl-ambitu msemmi fl-Artikolu 1, punt B tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE[16].

(15) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, skont il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[17] li jaqa' fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, Punt A tad-Deċiżjoni 1999/437/KE kkunsidrat flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE[18].

(16) F'dak li jirrigwarda l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, jew inkella huwa relatat miegħu, fis-sens tal-Artikolu 3(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 u l-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2011, rispettivament.

(17) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti, partikolarment mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

---

12 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

13 ĠU L 176, 10.07.1999, p.36

14 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.07.1999, p. 31).

15 ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

16 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

17 ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

18 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/EU tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persun (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

(18) Ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsilll[19] għandu għalhekk ikun emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Mad-dħul u mal-ħruġ, persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni għandhom ikunu suġġetti għall-verifiki li ġejjin:

(a) verifika tal-identità u n-nazzjonalità tal-persuna u l-validità u l-awtentiċità tad-dokument tal-ivvjaġġar, billi jkunu ikkonsultati bażijiet tad-dejta rilevanti, b'mod partikolari:

(1) is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen;

(2) il-bażi tad-dejta tal-Interpol dwar dokumenti tal-ivvjaġġar misruqa u mitlufa;

(3) il-bażijiet tad-dejta nazzjonali li fihom informazzjoni dwar dokumenti tal-ivvjaġġar misruqa, miżapproprjati, mitlufa u invalidati

(b) verifika li persuna li tgawdi d-dritt ta' moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni mhijiex meqjusa bħala theddida għas-sigurtà interna, il-politika pubblika, ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri, jew għas-saħħa pubblika, inkluż billi jiġu kkonsultati l-bażijiet tad-dejta rilevanti tal-Unjoni u dawk nazzjonali, b'mod partikolari s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

Meta jkun hemm dubju dwar l-awtentiċità ta' dokument tal-ivvjaġġar jew tal-identità tad-detentur tiegħu, il-verifika għandha tinkludi l-verifika tal-identifikaturi bijometriċi integrati fil-passaporti u fid-dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004 *.

Fejn, fi fruntieri esterni fuq l-art u fuq il-baħar, il-kontrolli msemmija f'punt a) u b) jkollhom impatt sproporzjonat fuq il-fluss tat-traffiku, l-Istati Membri jistgħu jwettqu dawn il-verifiki fuq bażi mmirata fuq valutazzjoni tar-riskji marbuta mas-sigurtà interna, il-politika pubblika, ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri jew it-theddida għas-saħħa pubblika.

Kull Stat Membru għandu jittrażmetti l-valutazzjoni tar-riskju tiegħu lill-Aġenzija għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kif stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 2007/2004 u jirrapporta kull tliet xhur lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija dwar l-applikazzjoni ta' kontrolli mwettqa fuq bażi mmirata."

---

* Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004 tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u għall-bijometriċi f'passaporti u dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri ( ĠU L 385, 29.12.2004, p. 1)."

---

[19] Ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għall-oħra tal-fruntiera (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1).

(b) fil-paragrafu 3(b), il-punt (iii) huwa ssostitwit bit-test li ġej:

"(iii) verifika li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ma jkunx ikkunsidrat bħala theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà interna jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri, inkluż billi jiġu kkonsultati l-bażijiet tad-dejta rilevanti tal-Unjoni u dawk nazzjonali, b'mod partikolari s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen".

(c) fil-paragrafu 3(c), il-punt (iii) huwa mħassar;

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |